# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, il-Ħamis, 17 ta’ Diċembru, 2020**

**Kawża Numru 14 (Kost.)**
**Rik. Nru. 97/16JRM**

Tancred **TABONE**

vs

**L-ONOREVOLI SPEAKER**; u l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Tancred Tabone fis-27 ta’ Ottubru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti (1) issib li s-seduti tal-Kumitat Permanenti Dwar il-Kontijiet Pubbliċi (aktar ‘il quddiem imsejħa ‘l-Kumitat’), fejn sar eżami tar-rapport tal-Awditur Ġenerali intitolat “*An analysis of the Effectiveness of the Enemalta Corporation’s Fuel Procurement*”, kisru l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa ‘l-Konvenzjoni’), u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa ‘l-Kostituzzjoni’); (2) tordna li b’konsegwenza ta’ dan il-ksur, il-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati għandhom jitħassru u huwa jinħeles minn kull akkuża li jinsab mixli biha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati; u/jew (3) tagħti dawk id-direttivi u r-rimedji li jidhrilha li huma xierqa sabiex jingħata twettiq effettiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu, b’mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri kriminali pendenti fuq imsemmija;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ Ottubru, 2016[1], li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-8 ta’ Novembru, 2016, u ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-4 ta’ Novembru, 2016[2], mill-intimat Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti li biha laqa’ għat-talbiet tar-rikorrent billi, preliminarjament, qal (1) li ġie notifikat irregolarment billi ebda att tal-Qorti ma jista’ jiġi notifikat lilu dwar xiħaġa li jkun wettaq fil-mansjoni tiegħu ta’ *Speaker* marbut max-xogħol tal-Kamra tar-Rappreżentanti; (2) li mhux imdaħħal personalment fil-proċedura kriminali meħuda kontra r-rikorrent, u għaldaqstant għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; u (3) li, fil-kwalità li fiha tħarrek, m’għandux ir-rappreżentanza tal-Kamra u wisq anqas tal-Kumitat, u għaldaqstant ma kellu ebda sehem f’dak li l-Kumitat iddiskuta jew iddelibera dwar ir-rikorrent, u dan ukoll għandu jwassal biex jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, laqa’ billi qal li (1) ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent billi d-diskussjonijiet fil-Kumitat huma distinti mill-proċeduri kriminali; (2) fi kwalunkwe każ, il-Kumitat għandu dritt jirregola l-proċeduri tiegħu, u m’għandux jiġi mxekkel milli jilħaq l-għanijiet tiegħu; u (3) l-għan tal-Kumitat huwa li jiddetermina responsabiltajiet politiċi u dawk il-proċeduri m’għandhomx jippreġudikaw jew ikunu ntiżi biex jiddeterminaw kwistjonijiet ta’ ħtija kriminali;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-7 ta’ Novembru, 2016[3], mill-intimat Avukat Ġenerali li biha, preliminarjament, laqa’ billi qal li (1) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux għal dan il-każ billi quddiem il-Kumitat ma qed jiġi determinat ebda obbligu jew dritt ċivili jew akkuża kriminali; u (2) l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi l-proċeduri li minnhom qed jilmenta r-rikorrent għadhom ma ngħalqux. Fil-mertu ċaħad it-talbiet billi qal li (1) l-għan aħħari tal-Kumitat huwa li jassigura trasparenza u kontabilità fi prattiċi amministrattivi u għaldaqstant din il-proċedura ma timpinġix fuq proċeduri ġudizzjarji kriminali; u (2) fl-ebda stadju tal-iskrutinju

[1] Paġ. 4 tal-proċess
[2] Paġġ. 5 sa 6 tal-proċess
[3] Paġġ. 10 sa 12 tal-proċess

ma kien hemm xi dell ta' ħtija jew intuża kliem li jitfa' ħtija kriminali fuq ir-rikorrent. Itenni li (3) bl-ebda mod ma tali proċeduri jistgħu jinfluwenzaw l-ġudizzju ta' ġudikant meta jasal li jiddeċiedi kwistjonijiet ta' ħtija kriminali. Itemm jgħid li (4) l-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent qed titmexxa quddiem Qorti munita bil-garanziji kollha li tagħti lir-rikorrent moħħ mistrieħ li jingħata smigħ xieraq, tant li fir-rikors promotur ir-rikorrent ma jgħid imkien kif il-proċeduri quddiem il-Kumitat setgħu b'xi mod influwenzaw lill-Qorti li quddiemha mexjin il-proċeduri kriminali mnedija kontrih;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-21 ta' Frar, 2017[4], u l-kjarifika magħmula fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-i*Speaker* intimat;

Rat il-provi u d-dokumenti mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2018[5], li bih laqgħet it-talba tal-partijiet u awtorizzathom jittrattaw bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent tal-31 ta' Mejju, 2018[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali tal-14 ta' Settembru, 2018[7], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat Speaker tal-31 ta' Jannar, 2019[8], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet[9];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Ir-rikorrent, filwaqt li kien għaddej minn proċeduri ta' kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja dwar akkużi ta'

---

[4] Paġ. 29 tal-proċess
[5] Paġ. 157 tal-proċess
[6] Paġġ. 181 sa 219 tal-proċess
[7] Paġġ. 225 sa 234 tal-proċess
[8] Paġġ. 240 – 2 tal-proċess
[9] Paġ. 243 tal-proċess

tixħim, frodi u ħasil ta' flus, intalab ukoll sabiex jidher u jixhed quddiem il-Kumitat, li kien qed jistħarreġ dwar rapport imħejji mill-Awditur Ġenerali fir-rigward tax-xiri taż-żejt mill-Enemalta bejn l-2008 u l-2013. Ir-rikorrenti jgħid li dak li kien qiegħed isir waqt is-smigħ quddiem il-Kumitat kien jixxandar fuq mezzi tax-xandir. Meta ssejjaħ, huwa ntalab jixhed (minkejja li għażel li ma jweġibx), sarulu mistoqsijiet minn deputati parlamentari li jixhdu l-fehma tagħhom dwar il-ħtija tiegħu, u ġew diskussi kwestjonijiet lil hinn mill-parametri tal-istħarriġ li kellu jagħmel il-Kumitat. Minħabba f'hekk, iqis li seħħew ħwejjeġ li bihom hemm il-biżgħa li se jdennsu l-proċeduri kriminali li għaddej minnhom. Isejjes dan l-ilment tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq dawk taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jitlob rikonoxximent ta' dan il-ksur, kif ukoll li l-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati jitħassru u jinħeles minnhom jew li l-Qorti tagħti r-rimedji li jidhrilha li jkunu xierqa biex jissewwa tali ksur;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat *Speaker* laqa' billi, preliminarjament, qal (1) li ġie notifikat irregolarment billi ebda att tal-Qorti ma jista' jiġi notifikat lilu dwar xiħaġa li jkun wettaq fil-mansjoni tiegħu ta' *Speaker* marbut max-xogħol tal-Kamra tar-Rappreżentanti; (2) li mhux imdaħħal personalment fil-proċedura kriminali meħuda kontra r-rikorrent, u għaldaqstant għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; u (3) li, fil-kwalità li fiha tħarrek, m'għandux ir-rappreżentanza tal-Kamra u wisq anqas tal-Kumitat, u għaldaqstant ma kellu ebda sehem f'dak li l-Kumitat iddiskuta jew iddelibera dwar ir-rikorrent, u dan ukoll għandu jwassal biex jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, laqa' billi qal li (1) ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent billi d-diskussjonijiet fil-Kumitat huma distinti mill-proċeduri kriminali; (2) fi kwalunkwe każ, il-Kumitat għandu dritt jirregola l-proċeduri tiegħu, u m'għandux jiġi mxekkel milli jilħaq l-għanijiet tiegħu; u (3) l-għan tal-Kumitat huwa li jiddetermina responsabiltajiet politiċi u dawk il-proċeduri m'għandhomx jippreġudikaw jew ikunu ntiżi biex jiddeterminaw kwistjonijiet ta' ħtija kriminali;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali laqa' billi preliminarjament, qal li (1) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddux għal dan il-każ billi quddiem il-Kumitat ma qed jiġi determinat ebda obbligu jew dritt ċivili jew akkuża kriminali; u (2) l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi l-proċeduri li minnhom qed jilmenta r-rikorrent għadhom ma ngħalqux. Fil-mertu ċaħad it-talbiet billi qal li (1) l-għan aħħari tal-Kumitat huwa li jassigura trasparenza u kontabilità fi prattiċi amministrattivi u għaldaqstant din il-proċedura ma timpinġix fuq proċeduri ġudizzjarji kriminali; u (2) fl-ebda stadju tal-iskrutinju ma kien hemm xi dell ta' ħtija jew intuża kliem li jitfa' ħtija kriminali fuq ir-rikorrent. Itenni li (3) bl-ebda mod ma tali proċeduri jistgħu jinfluwenzaw l-ġudizzju ta' ġudikant meta jasal li

jiddeċiedi kwistjonijiet ta' ħtija kriminali. Itemm jgħid li (4) l-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent qed titmexxa quddiem Qorti mogħnija bil-garanziji kollha li tagħti lir-rikorrent moħħ mistrieħ li jingħata smigħ xieraq, tant li fir-rikors promotur ir-rikorrent ma jgħid imkien kif il-proċeduri quddiem il-Kumitat setgħu b'xi mod influwenzaw lill-Qorti li quddiemha mexjin il-proċeduri kriminali mnedija kontrih;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ kif joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li fi Frar, 2013, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja mixli b'atti ta' tixħim, frodi u ħasil tal-flus[10]. Xi wħud mill-akkużi kienu marbuta mal-kariga li r-rikorrent kellu fis-settur pubbliku. F'Lulju 2013[11], l-Awditur Ġenerali ħareġ rapport bl-isem "*An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation Fuel Procurement*", li jinkludi numru ta' osservazzjonijiet dwar is-sistema ta' xiri taż-żejt kif kienet imħaddna mill-Enemalta bejn l-2008 u l-2013, u rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tagħha. Dan wassal biex ir-rapport ġie diskuss quddiem il-Kumitat;

Illi bejn l-2003 u l-2008, ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' *Chairman* tal-Korporazzjoni Enemalta[12]. Wara li r-rapport tal-Awditur Ġenerali tressaq quddiem il-Kumitat, ir-rikorrent intalab jidher quddiemu u sarulu mistoqsijiet mill-Kumitat dwar ħwejjeġ li joħorġu mill-istess rapport, u dan minkejja li fuq l-istess materja kien hemm proċeduri kriminali għaddejjin fil-konfront tiegħu[13]. It-teħid tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u l-proċeduri mnedija mill-Kumitat ġew rapportati u mxandra fil-mezzi tal-media b'mod estentiv[14];

Illi jirriżulta wkoll li, waqt l-istess smigħ quddiem il-Kumitat, saru stqarrijiet minn persuni u awtoritajiet pubbliċi fejn urew il-fehma tagħhom dwar ħtija fl-aġir tar-rikorrent u dan minkejja li l-proċeduri kriminali kontrih kienu għadhom għaddejjin[15];

Illi l-proċeduri quddiem il-Kumitat twaqqfu *sine die* f'Jannar tal-2016 u l-każ kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali għadu miexi[16];

Illi l-kawża nfetħet fis-27 ta' Ottubru, 2016;

---

[10] Dok "EQA", f'paġġ. 35 – 8 tal-proċess
[11] Paġ. 32 tal-proċess
[12] L-ewwel premessa fir-Rikors promotur f'paġ. 1 tal-proċess
[13] Ara f'dan is-sens Kost. **13.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Tancred Tabone vs L-Onor. Speaker tal-Kamra et***. Ara wkoll ix-xhieda tar-rikorrent f'paġ. 179 tal-proċess
[14] Paġġ. 46 sa 134 tal-proċess
[15] Ara f'dan is-sens Kost. **14.12.2018**, fil-kawża fl-ismijiet ***Tancred Tabone vs L-Onor. Prim Ministru et***, u Kost. **13.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Tancred Tabone vs Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati et***
[16] Ara x-xhieda tar-rikorrent f'paġġ. 179 u 180 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ tar-rikorrent jitilqu mill-kwestjoni tal-jedd fundamentali li huwa jgħid li ġarrab ksur tiegħu. Jidher li l-ilment tar-rikorrent jorbot prinċipalment mal-mod kif mexa l-Kumitat waqt l-istħarriġ li kien qed jagħmel f'ħaġa li, filwaqt li taqa' fis-setgħat tiegħu, tolqot ukoll akkużi li r-rikorrent hu mixli bihom fi proċeduri kriminali quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali u li għadhom ma ntemmux. Jorbot il-każ tiegħu kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi għal dawn ix-xiljiet, l-imħarrkin ressqu numru ta' eċċezzjonijiet. Xieraq li jingħad li wħud mill-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari tressqu mill-intimati fi proċeduri oħra li nfetħu mir-rikorrent jew oħrajn quddiem l-istess Qorti (diversament presjeduta) marbuta mal-istess ġrajjiet u li dwarhom ingħatat deċiżjoni;

Illi b**l-ewwel eċċezzjoni** tiegħu l-imħarrek Avukat tal-Istat iqajjem il-kwestjoni dwar jekk l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħoddux għall-każ ta' proċeduri quddiem il-Kumitat ladarba matulhom ma jkun qiegħed jiġi determinat ebda obbligu jew dritt ċivili jew akkuża kriminali. Fis-sottomissjonijiet tiegħu[17], l-imħarrek jisħaq dwar x'inhuma l-funzjonijiet u s-setgħat tal-Kumitat u li dawn huma ta' xejra amministrattiva u investigattiva fil-qafas tas-setgħat li l-Parlament igawdi biex jirregola kif jidhrilu xieraq il-mod kif imexxi l-proċeduri tiegħu[18];

Illi għal din l-eċċezzjoni r-rikorrent jilqa' billi jgħid li l-qofol tal-ilment tiegħu jintrabat mal-mod kif il-Kumitat mexa meta, taħt il-pretest li kien qiegħed jiddiskuti r-rapport tal-Awditur Ġenerali, dawwar il-mixja tas-seduti tiegħu fi proċess li jfittex il-ħtija tar-rikorrent dwar dawk l-istess xiljiet li kienu sarulu fil-proċedimenti kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati u li, b'hekk, tebbgħu l-preżuzjoni tal-innoċenza tiegħu pubblikament. Għalhekk, ir-rikorrent jagħmilha ċara li huwa mhuwiex jgħid li l-Kumitat jiddetermina xi jeddijiet jew obbligi ċivili jew akkużi kriminali, imma li l-istess Kumitat qabeż is-setgħat mogħtijin lilu mill-Ordinijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati[19] u bidel l-eżerċizzju li kien maħsub li jagħmel f'wieħed ta' stħarriġ ta' ħtija u b'hekk kiser il-jedd tiegħu li jitqies bħala persuna innoċenti sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni mod ieħor minn qorti wara li jintemm il-proċess ġudizzjarju;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-eċċezzjoni kienet tkun mistħoqqa li kieku l-ilment tar-rikorrent kien immirat lejn il-ħidma tal-Kumitat kif toħroġ mil-liġi li taħtha huwa mwaqqaf. Imma l-azzjoni attriċi mhijiex dik. L-azzjoni

[17] Paġġ. 226 – 8 tal-proċess
[18] Art. 67 tal-Kostituzzjoni
[19] Reg. 120E tal-A.L. 23/1962 kif emendat (L.S. Kost. 02)

attriċi tressqet għaliex ir-rikorrent iqis li l-Kumitat ma mexiex fir-rigward tiegħu kif kellu jimxi skond il-liġijiet li taħthom huwa mwaqqaf u li l-mod kif mexa l-Kumitat kisirlu l-jedd tiegħu dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza. Għall-kuntrarju, kif jgħid ir-rikorrent, filwaqt li l-Kumitat kellu jistudja r-rapport tal-Awditur Ġenerali u jirrapporta lill-Kamra tad-Deputati dwaru, qatta' biċċa sewwa mill-bosta seduti li żamm jiffoka fuq l-imġiba tar-rikorrent (u oħrajn) u jiġbor xhieda li tirreferi għal żmien li lanqas kien miġbur fir-rapport tal-Awditur. Għalhekk, għalkemm dak li qal l-imħarrek Avukat tal-Istat dwar x'inhuma s-setgħat u l-funzjonijiet tal-Kumitat huma minnhom, naqas għal kollox li jressaq sottomissjonijiet dwar jekk il-Kumitat mexiex ma' dawk is-setgħat u funzjonijiet u għalhekk naqas li jindirizza l-għajn tal-ilment tar-rikorrent;

Illi dan ifisser li l-Kumitat ġibed fuqu l-ħtieġa li din il-Qorti tara jekk, bil-mod li bih mexa f'dan il-każ, kienx qiegħed jikser il-jedd fundamentali li r-rikorrent jilminta li nkisirlu. F'dan ir-rigward, il-Qorti ttenni li l-Kumitat ma jistax aktar jistkenn taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni biex jikseb immunità minn stħarriġ ġudizzjarju jekk kemm-il darba joħroġ li, bil-mod kif ikun mexa, jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd[20]. Minbarra dan, ingħad ukoll li " *proċeduri ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbliti l-fatti bħal dawk quddiem il-Kumitat Permanenti ma jinkwadrawx fi proċeduri għad-determinazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali. Il-Qorti fi Strasburgu, iżda, irriteniet li d-dritt kontra l-awtoinkriminazzjoni u d-dritt għas-silenzju li jinsiltu mid-dritt għal smigħ xieraq huma xorta waħda invokabbli mill-individwu fi proċeduri bħal dawn fejn kontestwalment mal-proċeduri msemmija jkunu qegħdin jittieħdu kontra tiegħu proċeduri tax-xorta li jaqgħu fil-parametri tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*"[21];

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li din l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Avukat tal-Istat m'għandhiex tintlaqa';

Illi fit-**tieni eċċezzjoni** preliminari tiegħu, l-imħarrek Avukat tal-Istat iqajjem l-intempestività tal-azzjoni tar-rikorrent, u jsejjes l-argument tiegħu fuq il-fatt li l-proċeduri kriminali kontra l-istess rikorrent għadhom miftuħa u mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanza r-rikorrenti ser jiġi żvantaġġat[22]. Huwa jisħaq li l-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq jkun determinat meta wieħed iqis il-proċess sħiħ u mhux meta l-persuna ddaħħal f'moħħha li tkun ġarrbet dak il-ksur fl-astratt. Għalhekk jgħid li r-rikorrent fetaħ din il-kawża qabel waqtha;

[20] Ara, Kost. **15.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Portelli et vs Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et*** §§ 23 – 7
[21] Kost. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Sammut vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et*** § 39
[22] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali f'paġ. 229 tal-proċess

Illi r-rikorrent iwarrab din l-eċċezzjoni billi jgħid li l-argument imressaq mill-Avukat tal-Istat mhuwiex regola assoluta u l-Qrati għarfu li jista' jkun hemm episodji partikolari li, minħabba fihom, il-jedd ta' smigħ xieraq ta' persuna (partikolarment fi proċedimenti ta' sura kriminali) jinkiser minħabba f'dak l-episodju. Minbarra dan, ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali jseħħ ukoll fejn l-għemil attakkat ikun ser jikser xi jedd bħal dak[23]. Fuq kollox, l-eċċezzjoni li huwa ressaq l-azzjoni tiegħu qabel waqtha ma tiswiex għaliex, b'dak li sar fil-Kumitat, huwa diġà ġarrab il-ksur li minnu jilminta;

Illi llum ma għad fadal l-ebda dubju li r-regola li l-jedd għal smigħ xieraq trid titqies fil-qafas tal-proċess kollu li jkun, ma twarrabx il-fatt li jista' jseħħ ksur ta' dak il-jedd b'xi ġrajja, fatt jew ċirkostanza partikolari li taf tolqot fil-laħam il-ħaj xi proċediment, imqar jekk ikun għadu ma nbediex[24]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, biċċa sewwa mir-raġuni li wasslet lir-rikorrent iressaq din il-kawża ġejja mill-fatt li l-Kumitat bidel eżerċizzju ta' skrutinju ta' rapport tal-Awditur Ġenerali fi proċess li jippunta s-swaba' tal-ħtija kontrih, u wkoll fuq il-fatt li s-seduti miżmuma mill-istess Kumitat kienu mxandra fuq il-meżżi tax-xandir u mogħtijin pubbliċità estensiva. F'dan il-qafas, u bla ma tagħti ġudizzju f'dan il-waqt dwar jekk seħħx tabilħaqq il-ksur tal-jedd li minnu jilminta r-rikorrent, din il-Qorti hija tal-fehma li hemm ċirkostanzi biżżejjed biex tgħid li l-azzjoni li ressaq ir-rikorrent ma tressqitx qabel waqtha. Din il-fehma hija msaħħa mill-fatt li l-imsemmija proċeduri tal-Kumitat kienu għaddejjin fiż-żmien li kien fatt magħruf li r-rikorrent kien tressaq quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali mixli b'reati partikolari, u fejn dawk ir-reati ssemmew kemm-il darba fix-xogħol tal-Kumitat b'tismija diretta tar-rikorrent;

Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li l-ilment tar-rikorrent ġej mill-fatt li fi ħdan l-imsemmi Kumitat saru bosta rimarki li setgħu jxellfu l-preżuzjoni tal-innoċenza tiegħu (jekk mhux saħansitra jaffermaw il-ħtija tiegħu) u għalhekk, l-azzjoni tiegħu trid titqies taħt dan l-aspett. Kemm hu hekk, f'kawża oħra mressqa mir-rikorrent b'rabta ma' dawk il-proċedimenti fil-Kumitat ingħad li "*.. wkoll jekk il-proċess penali jitmexxa b'ħarsien skrupluż tal-garanziji proċedurali kollha u wkoll jekk eventwalment l-attur ma jinstabx ħati, appuntu għax il-ksur ma huwiex b'konnessjoni mal-proċess penali*"[25] il-ħsara mġarrba mir-rikorrent tagħmel l-azzjoni tiegħu waħda attwali u żgur mhux imressqa qabel il-waqt;

Illi għal dawn ir-raġunijiet din l-eċċezzjoni preliminari wkoll mhix tajba u mhix se tintlaqa';

---

[23] Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni
[24] Kost. **13.2.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Żaffarese vs L-Avukat Ġenerali et*** §12 (liema każ ukoll kien jirrigwarda ksur tal-jedd tal-preżunzjoni tal-innoċenza)
[25] Kost. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Tancred Tabone vs l-Onor. Prim'Ministru et*** §9

Illi l-Qorti sejra tqis issa l-**eċċezzjonijiet preliminari** mqajma mill-imħarrek *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati. L-**ewwel** waħda titkellem dwar in-nuqqas ta' siwi tan-notifika magħmula lilu. Huwa jsejjes din l-eċċezzjoni fuq dak li jgħid l-artikolu 65(5) tal-Kostituzzjoni[26], li jgħid li ebda att tal-Qorti ma jista jiġi notifikat lilu fil-mansjoni tiegħu ta' *Speaker* fl-imkien tal-Kamra jew waqt li l-Kamra tkun f'seduta. Il-Qorti tosserva li l-istess intimat ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni tiegħu. Madankollu, lanqas irtiraha formalment u għalhekk il-Qorti trid tqisha;

Illi r-rikorrent iwarrab din l-eċċezzjoni u jgħid li l-i*Speaker* ma ressaq l-ebda prova li turi ċ-ċirkostanzi tan-notifika u wisq anqas li huwa laqa' n-notifika bl-atti tal-kawża hija u għaddejja xi seduta tal-Kamra tad-Deputati. Minbarra dan, iżid jgħid li l-atti ta' din il-kawża ma jirrigwardawx proċediment ċivili, imma kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, u għalhekk il-kliem tal-artikolu 65(5) tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tallum;

Illi l-Qorti tgħid li din l-eċċezzjoni mhix tajba. Minbarra r-raġunijiet li jsemmi r-rikorrent biex jilqa' għaliha, l-atti tal-kawża juru li n-notifika saret f'idejn l-Iskrivan tal-Kamra[27] u l-eċċezzjoni tal-imħarrek *Speaker* ma tilmenta xejn minn dan il-fatt. Minbarra dan, din il-Qorti (diversament presjeduta) kellha l-opportunità tqis eċċezzjoni bħal din meta qalet li "*.. skond l-Art 65(5), id-divjet li l-ebda proċediment maħruġ minn xi qorti fl-eżerċizzju ċivili tagħha m`għandu jiġi notifikat jew esegwit ġewwa r-reċinti tal-Kamra tad-Deputati jgħodd biss jekk in-notifika jew l-eżekuzzjoni ssir waqt li l-Kamra tad-Deputati tkun f`seduta jew permezz tal-iSpeaker, l-iskrivan jew xi uffiċjal tal-Kamra. Fil-każ tal-lum, l-intimati ma ġabu l-ebda prova li n-notifika tar-rikors promotur saret waqt li l-Kamra tad-Deputati tkun f`seduta jew permezz tal-iSpeaker, l-iskrivan jew xi ufficjal tal-Kamra. In-nullità tan-notifika tar-rikors promotur eċċepita bl-ewwel eċċezzjoni mhijiex ippruvata u għalhekk l-eċċezzjoni qegħda tkun respinta.*"[28] Għal dawn l-istess raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħadha wkoll;

Illi fit-**tieni eċċezzjoni preliminari** tiegħu, l-imħarrek *Speaker* jgħid li huwa jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju minħabba li huwa bl-ebda mod ma ndaħal fil-proċeduri kriminali li għaddej minnhom ir-rikorrent. Hawn ukoll, l-istess imħarrek naqas li jressaq sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni tiegħu;

Illi r-rikorrent jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jgħid li l-kwestjoni tal-azzjoni tiegħu mhijiex jekk l-i*Speaker* huwiex imdaħħal jew le b'xi mod fil-

---

[26] Ara l-verbal tas-smigħ 21.2.2017 f'paġ. 29 tal-proċess

[27] Ara r-riferta f'paġ. 8 tal-proċess

[28] P.A. Kost JZM **15.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Portelli et vs Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati et*** li minnha ma sarx appell dwar din l-eċċezzjoni

proċeduri kriminali li jinsabu għaddejjin fil-konfront tar-rikorrent, imma jekk bis-sehem tiegħu fis-seduti tal-Kumitat u b'deċiżjonijiet li seta' ħa b'rabta mal-istess, huwa jaħtix għall-ksur tal-jedd fundamentali li minnu jilminta r-rikorrent;

Illi l-Qorti tqis li l-leġittimità passiva tal-intimat tiddependi min-natura tat-talbiet u l-premessi li jagħmel ir-rikorrenti fl-att promotur tal-kawża mressqa minnu. Fil-premessi jissemma s-smigħ li sar quddiem il-Kumitat u l-mod kif tmexxa, ix-xhieda li ttellgħu, u l-kummenti li ntqalu minn uħud mill-membri tal-Kumitat. It-talbiet, min-naħa l-oħra, jorbtu mal-eżami li sar mill-Kumitat tar-rapport tal-Awditur Ġenerali. Għaldaqstant, f'din il-kawża, ir-rikorrent, la fil-premessi lanqas fit-talbiet, ma jagħmel referenza għal xi aġir partikolari jew speċifiku mwettaq mill-i*Speaker*. Min-naħa l-oħra, instab li t-treġija tal-Kumitat hija f'idejn iċ-*Chairman* tal-istess Kumitat[29], iżda ċ-*Chairman* ma huwiex parti mħarrka f'din il-kawża. Safejn ir-rikorrent jgħid li l-intimat *Speaker* kellu xi sehem fil-ħidma tal-Kumitat minħabba xi deċiżjoni li ħa fil-konfront tiegħu, jidher li din iċ-ċirkostanza kienet il-mertu ta' azzjoni oħra (li llum tikkostitwixxi ġudikat) li r-rikorrent mexxa dwar din il-ħaġa u li għalhekk hija differenti mill-mertu tal-kawża tallum;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li din it-tieni eċċezzjoni hija mistħoqqa u għandha tintlaqa';

Illi bit-**tielet eċċezzjoni preliminari** tiegħu l-intimat *Speaker* jgħid li huwa m'għandux ir-rappreżentanza tal-Kumitat u lanqas ma għandu l-ebda kontroll fuq dak li l-istess Kumitat jagħżel li jiddiskuti dwaru u għalhekk ukoll imissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Għal darb'oħra, l-imsemmi intimat ma ressaqx sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni tiegħu, imma lanqas irtiraha;

Illi r-rikorrent jgħid li huwa ma ħarrikx lill-i*Speaker* bħala l-persuna li tirrappreżenta lill-Kamra tad-Deputati, imma ħarrku fil-kwalità personali tiegħu bħala President tal-Kamra tad-Deputati. Huwa jiġġustifika l-għażla tiegħu li jħarrek lill-i*Speaker* fuq is-saħħa tas-sehem li jingħad li ħa matul iż-żmien li l-Kumitat kien għaddej bis-smigħ tal-każ. Huwa jgħid li, b'dan biss, il-Qorti għandha tiċħad l-eċċezzjoni;

Illi din l-eċċezzjoni timxi id f'id mal-eċċezzjoni ta' qabilha. Teknikament, ladarba l-Qorti sabet li kien mistħoqq li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-i*Speaker*, ma kienx meħtieġ li tqis ukoll din l-eċċezzjoni. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ttenni l-fehmiet u l-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet hi u tqis dik l-eċċezzjoni. Il-leġittimità passiva tal-i*Speaker* trid titqies fil-każ konkret tal-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrent. Mill-provi kollha mressqa matul is-

[29] Kost **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Sammut vs L-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati et,*** §§ 28 – 9

smigħ tal-kawża, ir-rikorrent ma wera bl-ebda mod kif l-imsemmi intimat wassal għall-ksur li minnu jilminta, jew għal xi mġiba jew għemil li ma jikkostitwux diġà l-mertu ta' xi kawża oħra fejn ir-rikorrent kien espressament ilmenta mill-imġiba tal-i*Speaker* u fejn talab (u ngħata) rimedju għall-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu. Imqar jekk wieħed jifli l-atti ta' din il-kawża, u l-Anness li r-rikorrent hemeż man-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[30] u l-istess sottomissjonijiet, din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent wera li l-intimat *Speaker* kien jaħti għall-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu b'dak li ngħad mill-membri tal-Kumitat jew minn xhieda li tressqu quddiemu;

Illi għalhekk ukoll, it-tielet eċċezzjoni preliminari hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa' billi l-intimat *Speaker* jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **il-mertu tal-azzjoni attriċi** u s-siwi tal-**eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-Avukat tal-Istat. Ir-rikorrent isejjes din l-azzjoni tiegħu fuq il-ksur tal-jedd li persuna tibqa' titqies innoċenti fir-rigward ta' kull xilja li ssirilha sakemm tinstab ħatja minn qorti. F'dan il-qafas l-ilmenti tar-rikorrent jinbnew fuq erba' ċirkostanzi: fl-ewwel lok r-rapport estensiv u d-disponibbiltà b'mod miftuħ lill-pubbliku tax-xhieda mogħtija quddiem il-Kumitat; fit-tieni lok, il-mistoqsijiet li saru lix-xhieda u l-kummenti fost membri tal-Kumitat li wrew fehmiet ta' ħtija fir-rikorrent għall-akkużi kriminali li jinsab mixli bihom fil-proċeduri kriminali li għaddejjin fil-Qorti tal-Maġistrati; fit-tielet lok, il-fatt li r-rikorrent intalab jixhed minkejja li seta' jinkrimina ruħu; u fir-raba' lok, il-Kumitat qabeż il-parametri tal-investigazzjoni li kellu jagħmel. Għandu jingħad li ħafna mill-ilmenti li r-rikorrent ressaq f'din il-kawża jixbhu lmenti mressqa u mistħarrġa mill-Qrati fi proċeduri oħra li tressqu kemm mir-rikorrent innifsu u kif ukoll minn persuni oħra li għaddew mill-istess ġrajja u b'rabta mal-istess proċedimenti quddiem il-Kumitat;

Illi fil-parti rilevanti tiegħu għal dan il-każ, l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni jgħid li "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi*";

[30] Paġġ. 198 sa 219 tal-proċess

Illi f'dan ir-rigward huwa mgħallem li l-preżunzjoni tal-innoċenza hija element kostituttiv tal-jedd għal smigħ xieraq fi proċeduri kriminali, iżda "*the presumption of innocence is binding not only on the court before which a person charged is brought but on other State organs. A distinction may be drawn between statements made to the effect that an applicant has committed an offence and assessments of risk*"[31];

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li "*Negative pre-trial publicity may compromise the presumption of innocence. It can influence public opinion about the guilt of the accused person and directly impact on the impartiality of jurors. There is a tension with the right to information, to which the general public is entitled pursuant to article 10(1) of the European Convention. But this must be balanced with the right to a fair trial, and specifically the presumption of innocence. .. .. The Court has explained that article 6(2) 'is aimed at preventing the undermining of a fair criminal trial by prejudicial statements made in close connection with those proceedings'. It does not 'prevent the authorities from informing the public of criminal investigations in progress, but it requires that they do so with all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected'. A fundamental distinction is made between a stetement indicating that an individual is suspected of having committed a crime and a clear declaration, absent a final conviction, that the person is criminally responsible. According to the Court, 'the presumption of innocence will be violated if a judicial decision or a statement by a public official concerning a personcharged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law.' In assessing the content of impugned declarations there can be a breach of the presumption of innocence even in the absence of any formal finding to the extent 'that there is some reasoning suggesting that the court or official regards the accused as guilty'.. Not only does article 6(2) prohibit any premature finding by the court or tribunal itself, the presumption of innocence also covers statements made by public officials about criminal investigations that encourage a public belief in the guilt of the individual in question as well as prejudge the findings of the competent judicial authority. .. .. .. Public officials must choose their words carefully when they speak about pending criminal proceedings. The Court will be more exigent when the statement is made by politicians who are also acting in their capacity as public officials because it is more difficult to dismiss their comments as 'part of a legitimate political debate, which might arguably allow a certain degree of exaggeration and liberal use of value judgments with refernce to political rivals'*"[32]. Il-Qorti ssib li dawn il-kunsiderazzjonijiet dottrinali jgħoddu sewwa

[31] K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit 2007) §IIA – 151 pp. 176 – 7
[32] W.A. Schabas The European Convention on Human Rights: A Commentary (O.U.P. 2015) pp. 302 – 3

għall-każ li għandha quddiemha, u huma l-frott ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Q.E.D.B. f'każijiet li jqarrbu għal dan tallum[33];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza fl-ilment tar-rikorrent, mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li, waqt smigħ quddiem il-Kumitat, ittieħdet id-deċiżjoni li l-proċeduri jixxandru '*live*' fuq il-meżżi awdjo-viżivi[34]. Rapporti miktuba fuq l-investigazzjoni min-naħa tal-Kumitat permezz tal-mezzi ta' medja ma naqsux u kienu jixxandru b'mod regolari u konsistenti fuq medda ta' żmien sewwa[35]. F'każ bħal dan li wkoll kien imdaħħal fih ir-rikorrent ingħad Jekk dan iwassalx għal ksur ta' smigħ xieraq kien il-mertu ta' kawża oħra miftuħa mir-rikorrenti fejn ingħad li "*l-fatt illi kien hemm proċess politiku li kien qiegħed jiġi mxandar lil pubbliku ma jistax minnu nnifsu jwassal għal konklużjoni illi ġew vjolati l-jeddijiet fundamentali tal-appellat rikorrent. Wara kollox, il-pubbliku għandu dritt fundamentali illi jirċievi informazzjoni, speċjalment rigward materja ta' interess pubbliku bħal ma hu r-Rapport tal-Awditur li dwaru kienu qed isiru l-proċeduri quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.... Għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun meta sabet illi l-fatt waħdu li l-proċeduri quddiem il-Kumitat imsemmi kienu qed jiġu trasmessi 'live' ma kienx awtomatikament preġudizzjevoli għad-drittijiet fundamentali tal-appellat rikorrent, u li sabiex jiġi ddeterminat jekk huwa sofriex leżjoni tad-dritt tiegħu għall-presunzjoni tal-innoċenza kellhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dawn il-proċeduri. Din il-Qorti tqis illi kkonsidrat l-interess pubbliku sostanzjali li kien hemm fil-proċeduri tal-Kumitat imsemmi u d-dritt tal-pubbliku li jirċievi informazzjoni, ma jistax jiġi aċċettat li x-xandir ta' dawn il-proċeduri huwa fih innifsu leżiv tad-drittijiet tal-appellat rikorrenti*"[36];

Illi dwar it-tieni ċirkostanza fl-ilment tar-rikorrent, huwa jixli lill-Kumitat b'nuqqas ta' imparzjalità u jgħid li kien aktar interessat biex isib ħtija fih milli biex jinvestiga r-rapport tal-Awditur Ġenerali. Għal dan il-għan, jgħid li ttellgħu numru ta' xhieda u sarulhom mistoqsijiet lil hinn mill-qafas li jirreferi għalih l-imsemmi rapport. Jgħid ukoll li, fost membri tal-Kumitat, kien hemm uħud li minn kliemhom, kienu diġà sabuħ ħati tal-akkużi li nġiebu kontrih minkejja li quddiem il-Qorti tal-pMaġistrati kien ċaħad li kien imdaħħal fil-ġrajjiet li dwarhom kien mixli. B'sostenn ta' dan, ir-rikorrent ressaq sensiela ta' siltiet meħuda mix-xogħol tal-Kumitat (li l-verżjoni sħiħa tiegħu ressaq kopja sħiħa tagħha f'*compact disc* bir-reġistrazzjonijiet u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda mogħtija[37]) u li fihom jiċċita siltiet mill-mistoqsijiet li saru lix-xhieda mill-membri tal-Kumitat;

---

[33] Ara, b'eżempju, Q.E.D.B. **25.3.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Minelli vs Żvizzera*** (Applik. Nru. 8660/79) § 27; Q.E.D.B. **10.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Daktaras vs Litwanja*** (Applik. Nru. 42095/89) § 41; Q.E.D.B. **19.9.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Matijasevic vs Serbja*** (Applik. Nru. 23037/04) § 48; u Q.E.D.B. **2.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Virabjan vs Armenja*** (Applik. Nru. 40094/05) § 185

[34] Laqgħa numru 4 tal-Kumitat tat-13 ta' Awwissu, 2013

[35] Paġġ. 46 sa 134 tal-proċess

[36] Kost. **13.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Tancred Tabone vs Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati et*** § 38

[37] Dok f'paġ. 34 tal-proċess

Illi l-Qorti qieset b'reqqa dawn il-provi u l-kuntest li fih ingħadu l-fatt li s-smigħ kien jixxandar '*live*' bla ma jkun hemm editjar. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li ssemmew aktar qabel, mhux l-anqas minħabba n-natura pubblika tal-persuni li għaddew il-kummenti tagħhom dwar il-fehma tagħhom ta' ħtija tar-rikorrent u l-ambjent pubbliku u uffiċjali li fih ingħaddew dawk ir-rimarki, din il-Qorti tagħmel tagħha l-kunsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija kawża meta qalet li "*m'hemmx dubbju illi ġaladarba kien hemm proċeduri penali pendenti kontra l-appellat, l-awtoritajiet konċernati, inkluż il-membri tal-Kumitat imsemmi, kienu marbutin bl-obbligu illi jirrispettaw id-dritt tal-presunzjoni tal-innoċenza tal-appellat. Fil-fehma tal-Qorti, id-diskors impunjat ma kienx jimporta merament l-għoti oġġettiv ta' informazzjoni, iżda kien jirrapreżenta "value judgement" fuq il-ħtija tal-appellat. L-Onorevoli Dottor Bonnici kien jaf illi l-proċeduri tal-kumitat kienu qed jiġu trasmessi live, u kien jaf ukoll illi l-appellat kien qed jiġi mixli fi proċeduri kriminali fuq l-istess mertu, u għalhekk kellu l-obbligu li jiżen kliemu sew sabiex ma jxellifx il-presunzjoni tal-innoċenza tal-appellat. Dan ma sarx, u għalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi kien hemm leżjoni tad-dritt tal-appellat għall-presunzjoni tal-innoċenza b'konsegwenza tal-kliem impunjat*"[38]. Fid-dawl ta' dikjarazzjoni bħal din minn qorti ogħla minn din u fil-qafas tal-istess proċedimenti quddiem il-Kumitat b'riferenza għall-istess persuna, din il-Qorti ssib li l-ilment tar-rikorrent huwa mistħoqq u jirriżulta l-ksur tal-jedd tiegħu dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza;

Illi bit-tielet ċirkostanza fl-ilment, ir-rikorrent jilmenta mill-fatt li ntalab jixhed mill-Kumitat minkejja li kontrih kien hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti. Il-mertu ta' dan l-ilment ukoll kien mistħarreġ fi proċeduri mnedija mill-istess rikorrent u fejn ingħad li "*L-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet illi għandha ssir distinzjoni bejn xhud normali u xhud li jkun ukoll jinsab akkużat fi proċeduri kriminali dwar l-istess mertu u li jkunu għadhom sub-judice. Xhud normali għandu dritt li ma jirrispondix biss domandi li jistgħu jinkriminawh, u huwa minnu li dan id-dritt jinsab salvagwardjat fil-linji-gwida in kwistjoni. Pero`, xhud li jkun ukoll akkużat fi proċeduri kriminali dwar l-istess mertu u li jkunu għadhom sub-judice għandu d-dritt għas-silenzju u ma jistax jiġi mġiegħel jirrispondi ebda domanda, saħansitra lanqas domanda li tista' tiskolpah. Dan jinsab assodat fil-gurisprudenza kemm tal-qrati Maltin u kif ukoll tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif jidher mir-rassenja ta' ġurisprudenza li għamlet referenza għaliha l-ewwel Qorti. B'referenza għall-argument tal-appellanti rigward l-interess pubbliku illi deposizzjonijiet quddiem il-Kumitati tal-Kamra ma jkunux imxekkla bid-dritt għas-silenzju, il-Qorti tagħraf illi għalkemm huwa minnu illi l-interess pubbliku*

[38] Kost. **13.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Tancred Tabone vs Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati et*** § 33

*f'investigazzjonijiet bħal dik illi kienet qed issir mill-Kumitat imsemmi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u jiġu miżuna kontra l-interess tal-individwu, "public interest concerns cannot justify measures which extinguish the very essence of an applicant's defence rights, including the privilege against self-incrimination guaranteed by Article 6 of the Convention. F'dan il-każ ma ġiex kontestat illi s-seduti tal-Kumitat imsemmi kienu qed jiġu mxandra 'live' b'mod awdjo-viżiv lil pubbliku generali. Ghalhekk, kwalwunke xhieda illi l-appellant seta' ġie kostrett jagħti kienet tkun immedjatament magħrufa mill-pubbliku waqt illi huwa kien jinsab għaddej minn proċeduri kriminali kontra tiegħu fuq l-istess mertu, b'mod illi ma kien hemm l-ebda garanzija illi din ix-xhieda ma kinitx ser tintuża fil-proċeduri kriminali kontra l-appellat. Id-dritt għas-silenzju huwa intiż mhux biss sabiex l-akkużat ma jinkriminax ruħu direttament, iżda wkoll sabiex ma jkunx hemm il-possibilità li dak li jkun qal jintuża mqar għall-finijiet ta' kontroll ta' kredibilità tieghu. Għalhekk għal din il-Qorti huwa ċar illi l-fatt illi l-appellat ma ngħatax dritt għas-silenzju, iżda biss dritt li ma jirrispondix domandi li setgħu jkunu inkriminanti, meta meħud in konsiderazzjoni flimkien mal-fatt illi l-proċeduri quddiem il-Kumitat kienu qed jiġu mxandra 'live' b'mod awdjo-viżiv waqt li l-appellat kien għaddej minn proċeduri penali fuq l-istess mertu, kien leżiv tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq*"[39]. Hawnhekk ukoll, din is-silta twassal għall-fehma li r-rikorrent ġarrab tabilħaqq ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

Illi taħt <u>ir-raba' ċirkostanza fl-ilment tar-rikorrent</u>, huwa jgħid li l-Kumitat ħareġ 'il barra minn dak li kien mitlub li jistħarreġ. Bħala fatti, ir-rikorrent jorbot dan l-ilment mal-ilmenti ta' qablu u, meħud flimkien miegħu, jikkonkludi li s-smigħ quddiem il-Kumitat ħa xejra ta' proċeduri legali bil-konsegwenzi ħżiena li ħalla fuqu. L-intimati[40], min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li, bħala organu investigattiv, il-Kumitat kellu l-għan li jfittex li jasal għas-sewwa u kulma għamel għamlu b'dik il-fehma. Jiċħad li l-aġir tal-Kumitat ġab ħsara lir-rikorrent;

Illi filwaqt li l-liġi[41] tagħti setgħat wisgħin lill-Kumitat fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, mill-minuti tas-smigħ[42], jidher li bejn il-membri ta' l-istess Kumitat, kien hemm nuqqas ta' qbil fuq dak li kellu fil-fatt jiġi mistħarreġ. Dan wassal biex id-diskussjoni twessgħet, iżda mhux neċessarjament għaliex kien hemm viżjoni ċara fejn il-Kumitat kellu jasal. Il-Qorti tqis ukoll li l-fatt innifsu li saru 'l fuq minn tmenin seduta, juri l-firxa wiesgħa li ħadet id-diskussjoni bla ma waslet għal xi tmiem. Kemm hu hekk, ix-xogħol tal-Kumitat twaqqaf hekk kif il-Leġislatura ngħalqet fl-2017 bis-sejħa ta' Elezzjonijiet Ġenerali. Madanakollu, irid jingħad ukoll li dan fih innifsu ma jwassalx għal ksur ta'

[39] *Ibid.* §§ 21 – 2
[40] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali f'paġ. 230 tal-proċess
[41] Ara reg. 120E tal-A.L. 23/62 (L.S. Kost. 02)
[42] Laqgħa numru 3 tal-1.7.2013, paġ. 34 tal-proċess

jeddijiet tar-rikorrent. Ir-rikorrent ma ressaqx prova ta' preġudizzju li ġarrab lil hemm minn dak li ġie mistħarreġ taħt it-tliet ilmenti l-oħra. Tqis ukoll li l-Kumitat kellu l-jedd iħaddem u jsegwi l-proċedura tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma tarax kif dan l-ilment jolqot il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent seħħlu juri li, fil-qofol, il-ħidma tal-Kumitat ġabitlu ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u għalhekk **l-ewwel talba** tiegħu hija mistħoqqa u sejra tintlaqa', filwaqt li sejra twarrab l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha;

Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-rimedji mitluba mir-rikorrent** li huma l-mertu taż-**żewġ talbiet** l-oħrajn tiegħu. Huwa jqis li, ladarba ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali li dwarhom ressaq din il-kawża, il-konsegwenza trid tkun li l-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali jitwaqqfu, jitħassru u għaldaqstant jinħeles minn kull xilja. Jitlob ukoll li l-Qorti tagħti direzzjoni u r-rimedji xierqa sabiex il-jeddijiet tiegħu jiġu mħarsa;

Illi minħabba li l-imħarrek Avukat tal-Istat żamm is-sottomissjonijiet tiegħu marbuta sfiq maċ-ċaħda li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, naqas li jindirizza l-kwestjoni tar-rimedji mitluba mir-rikorrent. Kien biss l-imħarrek l-ieħor – l-Onorevoli *Speaker* – li ressaq argumenti f'dan ir-rigward[43]. Għalkemm inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, il-Qorti tqis li għandha ssemmi x'jgħid dwar dawn it-talbiet tar-rikorrent. Huwa jgħid li l-kors tal-ġustizzja mniedi kontra r-rikorrent irid jieħu l-kors tiegħu u l-fatt waħdu li r-rikorrent sata' ngħata "publiċità avversa" ma kienx iġib minnufih it-tħassir ta' dawk il-proċedimenti. Minbarra dan, iżid jgħid li din il-Qorti ma għandha l-ebda ordni oħra x'tagħti, ladaraba l-proċeduri quddiem il-Kumitat twaqqfu u ma reġgħux issejħu wara l-bidu tal-Leġislatura l-ġdida. Jgħid għalhekk li t-tielet talba wkoll saret għalxejn;

Illi minkejja li l-Qorti sabet li seħħ ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent f'xi wħud miċ-ċirkostanzi li minnhom jilminta, fil-fehma meqjusa tagħha, ma ssibx li huwa mistħoqq ir-rimedju minnu mitlub tat-tħassir u t-twaqqif tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-ħelsien tiegħu minn dawk il-proċedimenti. Dan jingħad għaliex mill-ksur ta' jedd li din il-Qorti sabet fil-każ tallum ma jġibx il-konsegwenza tat-tħassir tal-proċess li qed jinstema' quddiem dik il-Qorti kompetenti. Min-naħa l-oħra, is-sejbien tal-ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq f'dan il-każ imorru lil hinn minn rimedju ta' sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti ssib li jixraq li l-fehmiet

[43] Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġġ. 240 – 1 tal-proċess

magħmulin minnha f'din is-sentenza jitqiegħdu għall-attenzjoni tal-Qorti illi quddiemha mexjin il-proċeduri kontra r-rikorrent, ħalli meta jew jekk eventwalment tiġi msejħa sabiex tiddetermina x-xiljiet imressqa kontrih tkun tista' tirregola ruħha b'mod xieraq. B'hekk ir-rikorrent ikollu s-serħan tal-moħħ li l-istess Qorti li ser tiġġudikah, tkun midħla mal-fatti msemmija f'din il-kawża u tal-ksur minnu mġarrab b'dak li sar quddiem il-Kumitat;

Illi għalhekk, filwaqt li l-Qorti m'hijiex se tilqa' t-tieni talba attriċi kif magħmula, se tipprovdi dwar it-tielet talba b'dak il-mod;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat *Speaker* billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat *Speaker* u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għar-rikorrent;

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat Avukat tal-Istat, billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u ssib li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif imħares fl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni, dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza, minħabba l-mod kif mexa l-Kumitat Permanenti tal-Kamra dwar il-Kontijiet Pubbliċi fil-konfront tiegħu;

**Tiċħad it-tieni talba** tar-rikorrent, u ssib li l-ksur tal-jeddijiet fuq imsemmija ma jwassalx għat-tħassir tal-proċess li qed jinstema' kontrih fil-Qrati ta' kompetenza Kriminali;

**Tilqa' it-tielet talba** tar-rikorrent billi tordna li, hekk kif tgħaddi f'ġudikat, ir-Reġistratur jgħaddi kopja ta' din is-sentenza lil dik il-Qorti li quddiemha miexja l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għall-għarfien tagħha;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-Avukat tal-Istat għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tordna** li l-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief għal dawk tal-intimat *Speaker* li jitħallsu mir-rikorrent.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**17 ta' Diċembru, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Diċembru, 2020**